**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 t'Ottubru, 2015**

**Avviz Nru: 697/2001 MLF**

**Francis Galea u Oreste Mercieca ezercitanti l-kummerc taht l-isem Pastizzeria Galea**

**vs**

**Joseph Galea u martu Rita Galea ghal kull interess li jista' jkollha fil-ligi**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati li fl-ewwel lok, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Qorti, jirritornaw mija u seba cestuni tal-merkanzija li tiehdu mill-konvenut izda baqghu ma rritornawx u fin-nuqqas li jghamlu hekk fiz-zmien lilhom prefiss, ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti in linea ta' danni rapprezentanti l-valur tal-istess cestuni, ghal liema danni huma jew minn minnhom huma responsabbli minhabba nuqqas ta' konsenja, kif ukoll fit-tieni lok ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u sittin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2968.62), rapprezentanti nkwantu ghal elf, tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1868.62) il-prezz bilancjali ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut, u nkwantu ghal elf u mitt lira

Maltin (Lm1100) rapprezentanti l-valur ta' nofs indiviz ta' cold room mixtrija mill-attur flimkien mal-konvenut u li l-konvenut ghazel illi jzomm.

Ghal fini ta' kompetenza qieghed jigi dikajrat illi l-valur mertu ta' dina l-procedura ma jeccediex it-tliet elef u sitta u sebghin lira Maltin (Lm3076).

Bl-ispejjez, u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Galea u martu Rita Galea fejn eccepew:

1. Illi kontra dak li qieghed jallega l-attur is-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sittin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1868.62) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut, ma huwiex dovut stante pagament;
2. Illi in kwantu ghar-rimanenti bilanc ta' elf u mitt Lira Maltin (Lm1100) rapprezentanti l-valur ta' nofs indiviz ta' cold room mixtrija mill-attur flimkien mal-konvenut, dan lanqas ma huwa dovut stante pagament;
3. Illi l-mija u sebgha cestuni li l-attur qieghed jallega li l-konvenut ma rritornax, dawn gew debitament ritornati lill-imsemmi attur mill-konvenut,

Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukat difensur ta' l-atturi u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ikkusidrat:

**Il-Fatti**

F'din il-kawza hemm numru ta' fatti li humiex kontestati bejn il-partijiet, u ohrajn li huma kontestati. Ghalhekk, il-Qorti se telenka l-ewwel fil-qosor dawk il-fatti li mhux kontestati, u mbaghad taghmel riassunt tal-fatti kif allegati mill-konvenut u dawk kif allegati mill-atturi.

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-konvenut Joseph Galea, jaghmel xoghol ta' salesman ghan-negozju ta' huh l-attur Francis Galea[1], bhala salesman mit-Tnejn sal-Gimgha[2] minn Frar 1998[3] sa Lulju 2001.[4]
2. Mill-provi ma' jirrizultax li l-attur Oreste Mercieca shab fin-negozju mal-attur Francis Galea fiz-zmien, meta kien jahdem ghan-negozju l-konvenut, izda li Oreste Mercieca kien salesman bhal konvenut Joseph Galea.[5]
3. Ix-xoghol tal-konvenut Joseph Galea kien jikkonsisti li jbiegh il-merkanzija li kienet tikkonsisti f'xoghol tal-friza lill-hwienet.[6]
4. Il-konvenut Joseph Galea kien jithallas bil-commission ta' 15% fuq il-merkanzija li jbiegh.
5. Kemm l-attur Francis Galea u kemm il-konvenut Joseph Galea kienu jzommu kotba fejn jiktbu l-konsenji tal-merkanzija li ttiehdu mill-konvenut, u l-pagamenti li jkunu saru.[7]

Il-partijiet ma jaqblux fuq il-kumplament tal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u l-versjoni rispettiva taghhom hija s-segwenti.

<u>*Verzjoni tal-Atturi*</u>

1. Il-konvenut Joseph Galea kien jiehu l-merkanzija minghand l-attur Francis Galea u fl-ahhar tal-gurnata il-konvenut kien jirritorna lura u jaghtih il-flus kollha tal-merkanzija li jkun bih, u sussegwentement l-attur Francis Galea kien ihallsu commission ta' 15% fuq l-affarijiet li jkun bih.[8] Il-merkanzija li ma kienetx tinbiegh minn Joseph Galea kienet titnizzel bhala l-bilanc li ghad kellha tinghata lil Francis Galea.[9]
2. L-attur Francis Galea kellu numru ta' cestuni tal-plastic li fihom kien jikkonsenja x-xoghol liz-zewg salesmen tieghu. Is-salesmen kienu jaghtu x-xoghol lil tal-hwienet

---

[1] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 35 tal-process.
[2] Ara l-affidavit ta' Oreste Mercieca a fol. 58 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 15-16 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 25 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 25 tal-process kif ukoll ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 36 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 15 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 35 tal-process u xhieda tal-konvenut Joseph Galea a fol. 16 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 36 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 39 tal-process.

f'dawn ic-cestuni, u imbaghad jigbruhom. Konsegwentement, ic-cestuni li kellu ma bdewx iservuh. Ghalhekk huwa qal lill-konvenut u lill-attur Oreste Mercieca biex jixtru hamsin (50) cestun kull wiehed. L-attur Mercieca obda u xtara dawn il-hamsin (50) cestun.[10]

3. Il-konvenut gab tnax-il cestun bl-isem ta' ditta ohra fuqhom, u mbaghad hassar l-isem tad-ditta minn fuqhom,[11] u ghal kumplament kien kompla juza c-cestuni tal-konvenut.
4. Meta l-konvenut ma baqax jahdem ghall-attur huwa kien ghadu ma rritornax mija u sitt cestuni li kienu jappartjenu lill-attur, Francis Galea.[12]
5. Meta kien se jispicca jahdem mal-attur Francis Galea, il-konvenut u l-attur Francis Galea kienu qablu li l-konvenut kellu jaghtih is-somma ta' LM1,868.62[13] rapprezentanti l-prezz bilancjali tal-merkanzija moghtija lill-konvenut, izda l-ghada l-konvenut qallu li kien diga hallsu dawn il-flus.[14]
6. Rigward il-cold room, l-attur Francis Galea xehed li ordna zewg cold rooms biex jaghti wiehed lil kull salesman[15] izda huwa spicca xtara wahda biss ghal prezz ta' LM 2,200 u ghax is-salesman l-iehor l-attur Oreste Mercieca xtara cold room ghalih u hallasha hu.[16]
7. Din il-cold room li xtara l-attur Francis Galea tpoggiet fil-garaxx tal-konvenut, u konvenut Joseph Galea irrifondielu nofs il-prezz taghha biss, cioe l-ammont ta' LM 1,100.[17] Meta kellhom l-ahhar diskors dwar dak li kellu jaghti l-konvenut lill-attur, il-konvenut qallu li hu kien hallsu tal-prezz tal-cold room.[18]

<u>*Verzjoni tal-Konvenut*</u>

1. Il-konvenut Joseph Galea xehed li hu kien jiehu l-merkanzija minghand l-attur Francis Galea u wara kien imur ibiegh il-merkanzija lill-hwienet.[19] Fl-ahhar tal-gimgha kien jaghmel kont globali ta' dik il-gimgha, jaqta' l-commission tieghu ta' 15% u jaghti lill-attur Francis Galea il-flus ghax-xoghol li jkun ha matul dik il-gimgha, dejjem bi 15% imnaqqsa. Meta matul il-gimgha ma jkunx biegh ix-xoghol kollu, ix-xoghol mhux

---

[10] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 36 tal-process.
[11] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 37 tal-process.
[12] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 41 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 39 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Francis Galea a fol 39-40 tal-process u ta' Oreste Mercieca a fol. 58 tal-process.
[15] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 40 tal-process.
[16] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 40 tal-process.
[17] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 40 tal-process.
[18] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 41 tal-process
[19] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 27 tal-process.

mibjugh kien izommmu ghandu pero xorta wahda kien inizzlu meta jahdem il-kont fl-ahhar tal-gimgha. Imbaghad il-gimgha ta' wara kien jaghti lill-attur il-valur tax-xoghol mhux mibjugh.[20]

2. Rigward il-cold room, il-konvenut jghid li ghalkemm din xtraha l-attur Francis Galea, hu kien diga ta lill-attur Francis Galea nofs il-prezz taghha, cioe l-ammont ta' LM1100, mill-prezz ta' LM 2200. Sussegwentement hu kien hallas lill-attur Galea ir-rimanenti tal-bilanc tal-prezz.[21]
3. Il-konvenut Joseph Galea jghid li hu m'ghandu jaghti xejn f'bilanc ta' merkanzija lill-attur Francis Galea ghax kien hallsu ta' kollox meta spicca jahdem mieghu f'Lulju 2001.[22]
4. Rigward ic-cestuni, il-konvenut Joseph Galea jghid li hu kien xtara 50 cestuni grizi, mentri Oreste Mercieca kien xtara cestuni sofor u l-attur Francis Galea kellu cestuni hodor. Meta spicca jahdem mal-attur Galea, hu ha lura 21 cestun biss minn dawk li xtara, u fadallu jiehu lura 29 cestun.[23]

**Kunsiderazzjonijet ta' dina l-Qorti**

***Eccezzjoni Ulterjuri***

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti issollevaw dak li fil-fatt hija eccezzjoni ulterjuri fis-sens li huwa biss il-konvenut Joseph Galea li kellu relazzjoni guridika mal-atturi, u ghalhekk il-konvenuta Rita Galea ghandha f'kull kaz tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[24] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

---

[20] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 15-16 tal-process.
[21] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 27 tal-process.
[22] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 26 tal-process.
[23] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 26-27 tal-process.
[24] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*"B'introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "<u>kollha</u>", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:
*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[25] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** fejn gie ritenut hekk:
« *Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*

*Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri."*

Ma kien hemm l-ebda raguni valida – u effettivament il-konvenuti ma jippruvaw jaghtu l-ebda forma ta' gustifikazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom – ghalfejn huma ma tawx din l-eccezzjoni ulterjuri fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-gurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti sollevata fi stadju inoltrat tal-proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

***Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu***

Il-Qorti tibda biex tghid li ghalkemm iz-zewg partijiet ipprezentaw in-notamenti li kienu jzommu ta' x'merkanzija kien jiehu l-konvenut minghad l-attur, hadd minnhom ma ipprezenta l-kotba tal-kummerc kif suppost jinzammu skond il-Kodici Kummercjali u ghal finijiet tal-ligijiet fiskali. Fil-kaz tal-atturi, in-notebook ipprezentat lanqas jindika d-data ta' meta l-konvenut ha l-merkanzija. Ghalhekk din il-Qorti ma thossiex serena li tistrieh fuq dawn il-kotba/notamenti.

[25] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Rigward l-affidavit tal-attur Oreste Mercieca, il-Qorti tixtieq tinnota li ghalkemm meta nfethet il-kawza u meta ghamel l-affidavit hu kien shab fin-negozju mal-attur Francis Galea, mill-provi ma jirrizultax li hu kien shab mieghu fiz-zmien li kien jahdem il-konvenut ma' Francis Galea, imma hu kien ukoll salesman ta' l-attur Francis Galea. Dan johrog car, mhux biss mix-xhieda tal-konvenut, imma anke mix-xhieda tal-attur Francis Galea, li mkien fix-xhieda tieghu ma jsemmi lil Mercieca fin-negozju u fil-kwistjonijiet li kellu mal-konvenut, hlief ghal fatt li Mercieca kien xtara 50 cestun kif kien ordnalu. Fil-fatt l-attur Galea xehed li hu kien ta struzzjonijiet lill-konvenut li meta ma jsibx lilu l-ufficcju jitkellem ma huh Pierre Galea, u jaghti l-flus lilu.[26] Ghalhekk, il-Qorti hija moralment konvinta li dak li xehed l-attur Mercieca fl-affidavit tieghu ma jafux di scienza propria, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tati affidament lill-dan l-affidavit.

Konsegwentement din il-Qorti se tibbaza d-decizjoni taghha fuq min mill-attur Francis Galea u l-konvenut partijiet huwa l-iktar kredibbli u l-ftit dokumenti ezebiti, apparti n-notamenti taz-zewg partijiet dwar il-merkanzija li kien jiehu l-konvenut, stante li kif dawn inghad ma nzammewx skond il-ligi, u b'mod li din il-Qorti tista' ttihom affidament.

Il-Qorti se tghaddi sabiex tezamina wahda wahda t-talbiet ta' l-atturi.

*It-talba ghal nofs il-prezz tal-Cold Room*

Id-divergenza fuq ix-xiri tal-Cold Room fil-verita hi li filwaqt li l-konvenut jghid li hu kien ta lill-attur Francis Galea nofs il-prezz taghha qabel l-attur xtraha u poggiha fil-garage tal-konvenut, u sussegwentement irrifondilu n-nofs l-iehor tal-prezz, biex b'hekk gie li irrifonda lill-attur Galea l-ammont kollu tal-prezz tal-Cold Room, l-attur Galea jirritjeni li il-cold room inxtrat bi shab, u li l-konvenut kien hallsu biss nofs il-prezz taghha. Il-konvenut jammetti li m'ghandux ircevuti tal-flus li hallas lill-attur Galea, pero mill-provi jirrizulta li fin-negozjati ta' bejniethom, dawn iz-zewg kontendenti ma kienux johorgu ircevuti – forsi dan kien dovut ukoll ghal fatt li dawn iz-zewg kontendenti huma ahwa u allura kien hemm fiducja reciproka, u traskuraw milli jzommu l-konteggi tan-negozjati ta' bejniethom skond il-ligi.

[26] Ara xhieda tal-attur Francis Galea a fol. 36 tal-process.

Gie ezebit id-dokument Dok OM 4, li hija dikjarazzjoni bla data li tidher mahruga minn ECB Hotel & Catering Equipment Ltd fejn jinghad illi l-attur Francis Galea xtara l-cold room minghandhom fit-2 ta' Awwissu 1999 ghal prezz ta' LM 2200.[27] Din id-dikjarazzjoni qatt ma giet konfermata bil-gurament minn Mario Cutajar li halifha, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha. Inoltre, l-istess dikjarazzjoni hi bla data.

Pero, l-konvenut mhux jikkontesta li kien l-attur Francis Galea li xtara l-Cold Room ghall-prezz ta' Lm2,200.00, pero hu qed jghid li irrifondilu l-prezz taghha fl-intier, fi tlett pagamenti.

Fix-xhieda tieghu Francis Galea jghid hekk: *"In rigward din il-cold room fil-fatt mort jien stess ghand ECB u ordnajt tnejn sabiex nghati wahda lis-salesman l-iehor Mercieca. Pero Mercieca kien xtrara din il-cold room hu stess personalment u hallasha hu stess."*[28] Minn dan jidher car li l-intenzjoni tal-attur Galea kienet li kull wiehed mis-salesmen tieghu ikollu cold room, u fil-fatt kien hu li ordna zewg cold rooms minghand ECB. Mercieca, l-attur l-iehor fil-kawza odjerna – li dak iz-zmien kien salesman – ma kellux problemi finanzjarji u qabad u xtraha hu f'ismu.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jghid li kien huh, l-attur Galea, li *"issugerili li … … nixtri cold room u inpoggiha fil-garaxx tieghi sabiex go fiha inzomm il-merkanzija. Jiena spjegajtlu li dak iz-zmien ma kellix flus sabiex nixtri cold room. Ghalhekk issuggerixxa huwa stess sabiex nixtriha bi shab."*[29] Ghalkemm mit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu sussegwenti hemm ftit ta' konfusjoni dwar x'gara ezatt, mill-assjem tax-xhieda johrog car li skond l-konvenut *"Meta nxtrat il-cold room originarjament, jien kont diga hrigt nofs il-prezz. Jiena tajt lura lil hija dak li kien fadal mill-prezz. Ghalhekk il-cold room hija tieghi, kollha kemm hi. Ircevuti m'ghandix. Jien dejjem hallejt f'idejn hija u qatt ma tlabtu rcevuti. Minghalija il-cold room konna xtrajniha minghajr ircevuta."*

Il-Qorti hija tal-opinjoni li fuq bazi ta' probabbilita, il-versjoni tal-konvenut hija l-wahda korretta, u dan ghaliex jidher car li l-intenzjoni tal-attur Joseph Galea kienet li kull wiehed mis-salesmen tieghu jixtri coldroom. Mhux verosimili li l-attur Galea ihalli lil salesman

[27] Ara Dok OM4 a fol. 69 tal-process.
[28] Ara x-xhieda ta' Francis Galea a fol. 40 tal-process.
[29] Ara xhieda tal-konvenut Joseph Galea a fol. 27 tal-process.

wiehed jixtri l-cold room wahdu (Mercieca – l-attur l-iehor odjern), u lil salesmen l-iehor jixtri l-cold room bi shab mieghu. Il-konvenut jammetti li dak iz-zmien ma kienx f'posizzjoni finanzjarja tajba, u ghalhekk hu verosimili li l-attur Galea biex jghin lill-konvenut, li jigi huh, fil-bidu xtraha bi shab mieghu nofs bin-nofs, imbaghad sussegwentement il-konvenut irrifondilu ir-rimananti bilanc ta' nofs il-prezz f'zewg pagamenti.

Inoltre, l-atturi ma gabu l-ebda prova li fil-kotba tan-negozju li suppost izommu skond il-ligi hemm imnizzel li huma proprjetarji ta' nofs din il-Cold Room.

Konsegwentement, it-talba tal-atturi ma tistghax tigi milqugha.

*It-Talba ghall-Prezz ta' mija u seba' cestuni tal-merkanzija*

Rigward ic-cestuni hawnhekk hawn diskrepanza kbira. Fuq naha l-konvenut Joseph Galea qieghed jghid li hu kien xtara hamsin cestun, kif ordnalu l-attur Galea, u mhux talli m'ghandhux jaghti cestuni lill-attur Francis Galea, izda ghandu jiehu cestuni minn ghandu. Mentri l-atturi qeghdin jghidu li ghandhom jiehdu mija u seba' (107) cestuni minghand il-konvenut.

Il-Qorti tosserva illi gew ipprezentati kopji mhux awtentikati ta' delivery notices minghand Modern Plastic Containers Ltd lil Francis Galea u l-ohra lil « FG » (fl-ahjar ipotesi ghall-atturi l-inzjali ta' Francis Galea) ddatati 15 ta' Jannar 1997 u t-8 ta' Novembru 1995 rispettivament fl-ammont globali ta' 124.[30] Issa jekk wiehed joqghod fuq ix-xhieda tal-attur Galea, hu jghid li c-cestuni ma bdewx iservuh u ordna liz-zewg salesmen tiehgu jixtru hamsin (50) cestun kull wiehed. Hu jghid li l-attur Oreste Mercieca, dak iz-zmien salesman, obdih u fuq ordni tieghu xtara hamsin (50) cestun, izda l-konvenut m'obdihx u gab biss tnax (12).

Dan hu michud mill-konvenut li jghid li hu xtara l-hamsin cestun, kif kien ordnalu jaghmel l-attur Galea.

---

[30] Ara Dok OM2 u OM3 a fol. 69 tal-process.

Mill-provi prodotti mill-attur Galea stess, hu kellu 124 cestun, li xtrahom qabel beda jahdem mieghu l-attur, u qed jallega li l-konvenut hadlu 107 cestun minnhom, u allura hallih biex jahdem b'17-il cestun. Huwa vera li l-attur Mercieca li kien jahdem mal-attur Galea kellu 50 ohra, pero mhux verosimili, li l-attur baqa' jahdem 67 cestun biss – prattikament in-nofs tac-cestuni li kellu originarjament. Fix-xhieda tieghu, l-attur Galea imkien ma allega li kellu jixtri iktar cestuni ghax il-konvenut kien qed jirrifjuta li jirritornali il-107 cestun li jallega li hadlu.

Ghalhekk, fuq bazi ta' probabbilita, il-versjoni tal-konvenut li hu rritorna lill-attur Galea c-cestuni kollha li kellu hija aktar kredibbli, u l-atturi ma rnexxilhom jippruvaw l-allegazzjoni taghhom.

*It-Talba ghar-rifuzjoni tal-Prezz bilancjali tal-merkanzija fil-valur ta' LM 1868.62*

Il-konvenut Joseph Galea jaqbel mal-attur Francis Galea, li meta spicca jahdem minn mieghu, il-konvenut Galea kien ghad fadallu jaghti bilanc pendenti. Hemm diskrepanza zghira fl-ammont ghax filwaqt li l-konvenut Joseph Galea jghid li l-bilanc kien ta' LM 1868.52, l-attur Francis Galea jghid li l-ammont kien ta' LM 1868.62.

Izda d-divergenza rilevanti hija dwar jekk dan l-ammont giex imhallas jew le. Il-konvenut xehed « *Matul il-gimgha in kwistjoni, peress illi kelli hafna xoghol iehor fil-mahzen, jiena kont hadt ftit xoghol minghand l-attur. Jiena ghalhekk beghet ix-xoghol kollu li kien ghad fadalli u hallast lill-attur ta' kollox.* »[31] Min-naha l-ohra l-atturi jallegaw li l-konvenut baqalu jtihom l-ammont ta' LM 1868.52 bhala bilanc tal-merkanzija.

Il-Qorti se tibda biex tosserva illi minkejja illi kif inghad aktar il-fuq, gie pruvat li fiz-zmien li l-konvenut kien jahdem mal-attur Galea, l-attur Oreste Mercieca kien ghadu salesman tal-attur Galea u ma kienx shab mieghu, fl-affidavit u anka fil-kontro-ezami tieghu, l-attur Oreste Mercieca dejjem tkellem fil-plural qishu kien diga' qieghed bi shab ma' Francis Galea fiz-zmien rilevanti: *« Konna nahdmu l-bilanci u naghtuh il-commission. Hawn hekk kienet issir ir-registrazzjoni fil-kotba taghna. »*[32] Huwa ghalhekk, li din il-Qorti, kif diga qalet, ma tistghax tati affidament lix-xhieda tal-attur Oreste Mercieca. Fil-fatt il-Qorti tosserva ukoll illi

[31] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 26 tal-process.
[32] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Oreste Mercieca a fol. 75 tal-process.

l-konvenut Joseph Galea qal is-segwenti : *« Jiena l-pagamenti dejjem ghamilthom lil Francis Galea u dan dejjem kien jghidli sabiex ma naghmel l-ebda pagamenti quddiem Oreste. ... Jiena nimmagina r-raguni kienet sabiex Oreste ma kienx ikun jaf dwar il-pagament kollu.»*[33]

Tenut kont tal-fatt li l-attur Galea u l-konvenut ma spiccawx ir-relazzjoni ta xoghol taghhom fuq nota tajba – minhabba diversi allegazzjonijiet dwar kif il-konvenut kien qed jezegwixxi ix-xoghol, dwar liema allegazzjonijiet incidentalment ma ngabet l-ebda prova indipendenti f'dawn il-proceduri – u tenut kont ukoll tal-fatt, li l-atturi ma gabu l-ebda prova li dan l-ammont jirrizulta dovut mill-kotba tal-kummerc li ghall-inqas l-attur Joseph Galea kien obbligat li jzomm skond il-ligi, din il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw din l-allegazzjoni taghhom fuq bazi ta' probabbilita.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Maġistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Reġistratur**

[33] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea a fol. 26 tal-process.